# O ŻMIEN ĦELU

## L-għeneb

Riċerka u kitba ta'
**Raymond C. Xerri**

L-għeneb abjad u iswed sa mill-qedem kien frott imfittex ħafna madwar id-dinja fejn jikber. Kien jittiekel bħala frotta tajba u sustanzjuża ħafna jew biex minnu jagħmlu l-inbid. Fil-kultura u ċ-ċivilta' Kristjana l-għeneb u l-inbid għandhom importanza kbira għaliex l-għanqud għeneb u l-inbid jirrappreżentaw id-demm tal-Ħaruf Divin fl-Ewkaristija Mqaddsa. Hemm diversi kwalitajiet u razez ta' għeneb mhux iswed u abjad biss.

Mhux biss, iżda l-għenba kienet frotta popolari u l-inbid kien l-ewwel xorb alkoħoliku f'pajjiżna. Qatt ġietek il-kurżità biex issir taf għaliex mill-għeneb jiġi l-inbid? Kif kien jintgħasar l-għeneb fir-raħal tagħna? Fejn isir il-proċess, u min kienu dawk il-persuni jew familji magħrufa sew fil-Qala għall-inbid tajjeb? Pero' nibdew mill-għenba nnifisha. Meta tħares lejn għenba għad-dawl, tara li l-qoxra tidher qisha bużżieqa jew bħal ta' l-għajnbaqar. Jekk wieħed jimsaħ il-qoxra tiġi tleqq għax tneħħilha kisja għabra.

Din l-għabra rqiqa ħafna hija magħmula minn sustanzi veġitali mikroskopiċi li jservu ta' ħmira meta l-għenba tinfaqa' jew titgħaffeġ u tibda taħdem fuq iz-zokkor li jkun hemm fl-għenba. Wara dan il-proċess toħloq għamla ta' spirtu jew alkoħol li l-bniedem itiegħem meta jixrob l-inbid. Dan il-proċess li jsir permess ta' din il-ħmira waqt li tħalli l-alkoħol ngħidulu "fermentazzjoni". Din hi r-raġuni ewlenija li biex isir l-inbid irid jintagħsar l-għeneb biex hekk din il-ħmira titħallat mal-meraq u tibda l-'fermentazzjoni'. Meta jinġabar l-għeneb mill-għalqa hekk kif jispiċċa s-sajf, kienu jqiegħduh ġo nofs bettija, jew konka, u biex jagħsruh kienu joqogħdu jaqbżu fuqu ħafjin. Il-bettija kien ikollha minn fejn joħroġ il-meraq li jinġabar u jitqiegħed ġo btieti biex isir il-proċess tal-fermentazzjni. Ġeneralment, l-għeneb kien jinġarr bejn żewġ nisa jew bejn it-tfal, pero' l-għassara kienu jkunu rġiel. Imbagħad dan kien jitħalla jiffermenta għal ċertu żmien, skond il-prattika użu ta' min jagħsar. Anke l-ammont u x'tip ta' ingredjenti oħra kien jitħallat minnu. Per eżempju l-ammont ta' zokkor li kien jintefa' għal min kien jitfagħlu. B'hekk kien jintagħraf l-inbid ta' min hu.

Fl-imgħoddi l-inbid kien jinbiegħ fit-tverna, ħanut tax-xorb li kien ikollu wkoll xi affarijiet oħra għall-ikel. It-tverna għall-Qala u l-irħula l-oħra f'pajjiżna kienet bħal bars tagħna tal-lum. Hemm kien isir ukoll logħob tal-karti, għana u tlablib waqt li jixorbu xi pinta jew terz li tat-tverna kien iferrgħalhom minn ġol-bettija. Fil-Qala tas-seklu għoxrin kellna għadd ta' ħwienet ta' l-inbid, dawn kienu: Michael Meilaq (ta' Jaqla') li kien jinsab f'Triq Biċċieri, Joseph Buttigieg (ta' Kejli) f'Triq Wied is-Simar u Pawlu Camilleri (ta' Slajf) f'Triq in-Nadur. Buttigieg (il-Biżillu), Ġanni Portelli (ta' Ċula) u Mikieli Porteli (il-Magon) lkoll f'Triq il-Wardija. Joseph (tal-Gaġġu) u Salvu (tal-Magun) it-tnejn f'Triq il-Kunċizzjoni.

Maż-żmien dawn il-ħwienet bdew jispiċċaw fir-raħal tagħna hekk kif l-emigranti Qalin bdew ġejjin lura b'idejat barranin ta' 'clubs', 'pubs', 'bars' li mhux biss kienu iservu xi pinta nbid u ftit ikel tradizzjonali, iżda daħal ix-xorb alkoħoliku u s-sistema ta' take-away. L-għassara tal-għeneb bdew jonqsu maż-żmien. Għall-bidu tas-seklu li għadda l-inħawi tal-Ħanżira, Ta' Berawda, Ta' Muxi, Ta' Clement, Tas-Simar u tal-Venġula kienu l-postijiet bl-akbar konċentrazzjoni ta' dwieli fil-Qala minħabba f'dawn l-inħawi r-raba' kien fruklu xaħxi u għalhekk ideali għat-tkabbir tad-dwieli. Per eżempju l-Wileġ ma' kienx tajjeb għad-dwieli minħabba n-natura taflija tal-ħamrija. Dari kont issib tip ta' għenba msejħa, "insulija" f'kulur iswed u abjad u kienet tkun ta' għamla tawwalija u ħelwa ħafna fit-togħma. Sfortunatament, din ir-razza m'għadhiex titkabbar f'raħalna.

Lura għall-inbid, kienet drawwa li l-inbid mill-għeneb tas-sena ta' qabel kien jinfetaħ għax-xorb għall-ħabta ta' Novembru speċifikament fiż-żmien ta' San Martin. F'dak il-perjodu dawk tat-tverna u l-għassara tal-għeneb kienu jqisu lil dan il-qaddis bħala l-protettur tagħhom. Skond xi anzjani fir-raħal tagħna fl-imgħoddi, meta kienu jaraw lil xi ħadd fis-sakra, biex jiċċajtaw kienu jgħidulu, "Qisek fratell ta' San Martin". L-inbid kien ikun b'kontenut alkoħoliku qawwi ferm iżjed minn tal-lum. Għalhekk b'pinta kont tkun diġa' tlaqt. Illum 'l ftit għassara li għad baqa' f'raħalna jagħsru bil-magni moderni u mhux bis-saqajn u l-inbid jitpoġġa fil-fliexken tal-ħġieg u mhux jisserva mill-krietel direttament. Kont tista' tisma' l-ħoss tal-għassara jċafalsu fil-btieti, ċpaħ, ċpaħ u l-meraq igelgel għal ġol-btieti iżgħar, frott l-għenba u xogħol il-bniedem.... Mulej anke din ħallejt lill-bniedem jittrasforma. Ġuż baqagħlek xi bela' nbid tajba! O Żmien Ħelu....fejn int.

